REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/453

tat-2 ta' Marzu 2023

li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri eżistenti

(1) F'Jannar 2017, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar inossidabbli ("SSTPF" jew "fittings") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina") u mit-Tajwan bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141 ([2]), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/659 ([3]). Id-dazji anti-dumping fis-seħħ ivarjaw bejn 30,7 % u 64,9 % għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, u bejn 5,1 % u 12,1 % għall-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn id-dazji bdiet f'Ottubru 2015 ("l-investigazzjoni oriġinali") ([4]).

(2) F'Jannar 2022, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza tal-miżuri eżistenti f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku billi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]). Dan ir-rieżami għadu għaddej.

1.2. Talba

(3) Il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku sabiex tinvestiga ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' SSTPF li joriġina miċ-Ċina minn importazzjonijiet ta' SSTPF ikkonsenjat mill-Malażja, sew jekk kienx iddikjarat li joriġina mill-Malażja jew le, u sabiex tagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni ("it-talba").

(4) It-talba tressqet fil-25 ta' April 2022 mill-Kumitat tad-Difiża tal-Industrija ta' Tagħmir tal-Azzar Inossidabbli wweldjati tarf ma' tarf tal-Unjoni Ewropea ("l-applikant").

(5) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi esportazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Malażja lejn l-Unjoni li kienu seħħu wara li ġew imposti l-miżuri fuq l-SSTPF li joriġinaw miċ-Ċina.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141 tas-26 ta' Jannar 2017 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU L 22, 27.1.2017, p. 14).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/659 tas-6 ta' April 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU L 94, 7.4.2017, p. 9).

([4]) In-Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan (ĠU C 357, 29.10.2015, p. 5).

([5]) In-Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU C 40, 26.1.2022, p. 1).

(6) Barra minn hekk, it-talba kien fiha evidenza li turi li huwa improbabbli li din il-bidla tirriżulta minn prattika, proċess jew ħidma li għaliha hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Tabilħaqq, l-applikant afferma li l-produzzjoni ġenwina tal-prodott li qiegħed jiġi investigat fil-Malażja kienet limitata għal żewġ produtturi biss li l-esportazzjonijiet ikkombinati tagħhom lejn l-Unjoni kienu konsistentement ferm aktar baxxi mill-volumi tal-prodott li qiegħed jiġi investigat esportat mill-Malażja lejn l-Unjoni mill-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat. Skont l-evidenza pprovduta mill-applikant, il-bidla dehret li tirriżulta mit-trażbord tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ via l-Malażja lejn l-Unjoni. L-applikant issottometta evidenza li tpoġġi f'dubju l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' produzzjoni reali ta' kumpaniji Ċiniżi fil-Malażja. Barra minn hekk, l-applikant ipprovda evidenza li l-produtturi Ċiniżi kienu qegħdin jipproponu b'mod miftuħ li jibdlu l-oriġini tal-prodott ikkonċernat minn Ċiniża għal Malażjana.

(7) Barra minn hekk, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza li turi li l-prattika, il-proċess jew il-ħidma kienet qiegħda timmina l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping eżistenti f'termini ta' kwantitajiet u l-prezzijiet. Jidher li daħlu volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, kien hemm biżżejjed evidenza li tali importazzjonijiet ta' SSTPF saru bi prezzijiet dannużi.

(8) Fl-aħħar nett, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza li l-SSTPF ikkonsenjat mill-Malażja kien esportat bi prezzijiet oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit qabel għall-SSTPF li joriġina miċ-Ċina.

1.3. **Prodott ikkonċernat u prodott taħt investigazzjoni**

(9) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li inossidabbli awtenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom fin-normi l-oħrajn, b'dijametru estern massimu li ma jaqbiżx l-406,4 mm u ħxuna tal-ħitan ta' 16 mm jew anqas, bi ħruxija medja (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux anqas minn 0,8 mikrometri, mhux ifformati bħala flanġijiet, imlestija jew le, ikklassifikat fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90 (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 15, 7307 23 10 25, 7307 23 90 15, 7307 23 90 25) u li joriġina mir-RPĊ ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li l-miżuri fis-seħħ bħalissa japplikaw għalih.

(10) Il-prodott li qiegħed jiġi investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, iżda kkonsenjat mill-Malażja, kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina mill-Malażja kif ukoll jekk le, li attwalment jaqa' taħt l-istess kodiċijiet NM bħall-prodott ikkonċernat (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 35, 7307 23 10 40, 7307 23 90 35, 7307 23 90 40) ("il-prodott li qiegħed jiġi investigat").

(11) L-investigazzjoni wriet li l-SSTPF esportat miċ-Ċina lejn l-Unjoni u l-SSTPF ikkonsenjat mill-Malażja, sew jekk joriġina mill-Malażja kif ukoll jekk le, għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi, u għaldaqstant jitqiesu bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

(12) Pantech Steel Industries Sdn.Bhd ("PSI"), waħda mill-kumpaniji tal-Grupp ta' Pantech, ikkuntattjat lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li wieħed mit-tipi ta' prodotti tagħha — bends twal bi frekwenza għolja — ma jiġix inkluż fid-definizzjoni tal-prodott oriġinali. Wara analiżi tad-deskrizzjoni pprovduta tal-prodott u konsultazzjoni mal-applikant, il-Kummissjoni kkonfermat li l-bends twal bi frekwenza għolja ma kinux inklużi fid-definizzjoni tal-prodott oriġinali.

(13) Paul Meijering Metalen B.V. (PMM B.V.), importatur tal-Unjoni, ma qabilx mal-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni. Huwa ppreżenta kummenti dwar dan ir-rigward kif ukoll dwar il-bidu u talab seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni. Is-seduta ta' smigħ saret fis-7 ta' Lulju 2022. Fis-seduta ta' smigħ, il-Kummissjoni spjegat li l-għan ta' din l-investigazzjoni kien li tiddetermina jekk hemmx ċirkomvenzjoni mill-Malażja. Ma kien hemm l-ebda bażi ġuridika sabiex jiġi rivedut l-ambitu tal-miżuri fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni. L-ambitu tal-prodott ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali li wriet li l-fittings kollha fid-definizzjoni tal-prodott huma prodotti simili.

1.4. **Bidu**

(14) Billi wara li informat lill-Istati Membri, iddeterminat li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni u għamlet l-importazzjonijiet ta' SSTPF ikkonsenjat mill-Malażja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Malażja kif ukoll jekk le, soġġett għal reġistrazzjoni, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/894 ([6]) ("ir-Regolament tal-bidu") fit-8 ta' Ġunju 2022.

(15) Ir-Regolament tal-bidu ddikjara li, jekk il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni koperti mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr dawk imsemmija fil-premessa (7) tiegħu, jiġu identifikati matul l-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri wkoll dawn il-prattiki.

1.5. **Kummenti dwar il-bidu**

(16) PMM B.V. irrimarka li kien hemm diskrepanza bejn l-esportazzjonijiet mill-Malażja lejn l-Unjoni għas-sena 2017, u l-importazzjonijiet korrispondenti lejn l-Unjoni mill-Malażja fit-talba. Ma qabilx ukoll mal-allegazzjoni tal-applikant li l-unika spjegazzjoni għad-differenza bejn l-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-Malażja u l-esportazzjonijiet mill-Malażja lejn l-Unjoni kienet it-trażbord. Fl-aħħar nett, huwa indika n-nuqqas ta' referenzi fit-talba.

(17) Fis-seduta ta' smigħ imsemmija fil-premessa (13), il-Kummissjoni spjegat li wettqet l-eżami tagħha tat-talba f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u waslet għall-konklużjoni li r-rekwiżiti għall-bidu ta' investigazzjoni ġew issodisfati, jiġifieri li kien hemm biżżejjed evidenza sabiex tinbeda l-investigazzjoni. Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, talba għandu jkun fiha tali informazzjoni li b'mod raġonevoli hija disponibbli għall-applikant. L-istandard legali ta' evidenza meħtieġ għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni (evidenza "suffiċjenti") huwa differenti minn dak li huwa meħtieġ għall-fini tad-determinazzjoni finali tal-eżistenza ta' ċirkomvenzjoni.

(18) Id-differenza fl-istatistika għall-2017, jew l-allegazzjonijiet ta' trażbord ibbażati fuq id-differenza fl-istatistika bejn ir-RPĊ u l-Malażja, ma biddlitx il-fatt li t-talba wriet bidla ċara fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ, il-Malażja u l-Unjoni. L-applikant ipprovda wkoll evidenza tal-prattiki tat-trażbord.

(19) Madankollu, il-Kummissjoni spjegat li l-għan tal-investigazzjoni huwa li tiskopri jekk il-bidla fix-xejra tal-kummerċ, inkluż dik bejn iċ-Ċina u l-Malażja, hijiex dovuta għal prattiki li jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, u mhux limitata għat-trażbord.

(20) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza dwar il-fatturi stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(3).

1.6. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu ta' rapportar**

(21) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). Inġabret *data* sabiex il-perjodu ta' investigazzjoni jinvestiga, fost l-oħrajn, l-allegata bidla fix-xejra tal-kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat u l-eżistenza ta' prattika, proċess jew ħidma li għaliha ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Inġabret *data* aktar dettaljata għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("il-perjodu ta' rapportar" jew "PR") sabiex jiġi eżaminat jekk l-importazzjonijiet kinux qegħdin jimminaw l-effett ta' rimedju tal-miżuri fis-seħħ f'termini ta' prezzijiet u/jew kwantitajiet u l-eżistenza tad-dumping.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/894 tas-7 ta' Ġunju 2022 li jniedi investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, ikkonsenjati mill-Malażja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malażja kif ukoll jekk le, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 155, 8.6.2022, p. 36).

1.7. **Investigazzjoni**

(22) Il-Kummissjoni informat uffiċjalment lill-awtoritajiet taċ-Ċina u tal-Malażja, lill-produtturi esportaturi magħrufa f'dawk il-pajjiżi, lill-industrija tal-Unjoni u lill-importaturi magħrufa fl-Unjoni dwar il-bidu tal-investigazzjoni.

(23) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Malażja għall-Unjoni Ewropea tipprovdilha l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi esportaturi u/jew tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li jistgħu jkunu interessati jikkooperaw fl-investigazzjoni flimkien mal-produtturi esportaturi Malażjani, li kienu ġew identifikati fit-talba mill-applikant. Il-missjoni tal-Malażja pprovdiet lista lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-kumpaniji kollha fil-bidu.

(24) Formoli ta' talba għal eżenzjoni għall-produtturi/esportaturi fil-Malażja, kwestjonarji għall-produtturi/esportaturi fiċ-Ċina, u għall-importaturi fl-Unjoni kienu saru disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ TRADE.

(25) Erba' produtturi esportaturi Malażjani ppreżentaw formoli ta' talba għal eżenzjoni. Dawn kienu:

— MAC Pipping Materials Sdn. Bhd ("MAC")

— Pantech Stainless u Alloy Industries Sdn. Bhd ("Pantech")

— SP United Industry Sdn. Bhd ("SPI")

— TP Inox Sdn. Bhd ("TP")

(26) Barra minn hekk, erba' kumpaniji Malażjani, relatati ma' Pantech jew ma' SPI, issottomettew tweġibiet għall-kwestjonarju.

(27) Barra minn hekk, it-tweġibiet għall-kwestjonarju ġew sottomessi minn sitt importaturi tal-Unjoni. Waħda minn dawk il-kumpaniji ma importatx l-SSTPF mill-Malażja u għalhekk it-tweġiba tagħha ma ġietx analizzata aktar. Il-Kummissjoni użat it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-importaturi sabiex tivverifika l-flussi kummerċjali u l-ismijiet tal-forniturі mill-Malażja.

(28) Fil-proċess tal-verifika tal-informazzjoni u tal-istatistika pprovduti mill-applikant u mill-kumpaniji Malażjani li kkooperaw, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjonijiet fuq il-post mal-awtoritajiet Malażjani, jiġifieri mal-Ministeru għall-Kummerċ u l-Industrija, ma' Royal Customs, mal-Ministeru għall-Finanzi u mar-rappreżentanti taż-żoni ta' Kummerċ Ħieles ta' Klang u Penang.

(29) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi esportaturi fil-Malażja

— MAC Pipping Materials Sdn. Bhd, Klang, il-Malażja

— Pantech Stainless u Alloy Industries Sdn. Bhd, Jahor, il-Malażja

— SP United Industry Sdn. Bhd, Nilai, il-Malażja

— TP Inox Sdn. Bhd, Pulau Pinang, il-Malażja

Negozjanti, importaturi u forniturі ta' materja prima relatati mal-produtturi esportaturi fil-Malażja

— Kanzen Tetsu Sdn. Bhd, Klang, il-Malażja

— Kentzu Steel Sdn. Bhd., Kuala Lumpur, il-Malażja

— Pantech Corporation Sdn. Bhd, Jahor, il-Malażja

— Pantech Galvanizing Sdn. Bhd, Jahor, il-Malażja

(30) Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod tal-kumpaniji li ġejjin:

Negozjanti domestiċi relatati ma' produtturi fil-Malażja

— Pantech (Kuantan) Sdn. Bhd, Kuantan, il-Malażja

— Panaflo Controls Pte. Ltd, Singapore

(31) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ fil-limitu ta' żmien stipulat fir-Regolament tal-bidu. Il-partijiet kollha ġew informati li n-nuqqas ta' sottomissjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha jew is-sottomissjoni ta' informazzjoni mhux kompluta, falza jew qarrieqa tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u għal sejbiet li jkunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

(32) Fis-7 ta' Lulju 2022 saret seduta ta' smigħ mal-importatur tal-Unjoni PMM B.V., kif spjegat fil-premessi (13) u (16) sa (19). Wara l-iżvelar, saru seduti ta' smigħ ma' MAC u ma' PMM B.V. fit-8 u fit-12 ta' Diċembru 2022 rispettivament.

2. **RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

2.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(33) F'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu analizzati l-elementi li ġejjin sabiex tiġi vvalutata ċ-ċirkomvenzjoni possibbli:

— jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ/il-Malażja u l-Unjoni,

— jekk din il-bidla rriżultatx minn prattika, proċess jew ħidma li għaliha ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ,

— jekk hemmx evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kinux qegħdin jiġu mminati f'termini tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitajiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat, u

— jekk hemmx evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott ikkonċernat.

(34) It-talba allegat trażbord tal-prodott ikkonċernat mill-Malażja lejn l-Unjoni (ara l-premessa (6)).

(35) Fir-rigward tat-trażbord, l-investigazzjoni ma sabet l-ebda evidenza li xi wieħed mill-erba' produtturi esportaturi li kkooperaw, li kienu jirrappreżentaw l-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni fil-PR (ara l-premessa (39) hawn taħt), kien involut f'tali prattiki. Il-Kummissjoni qabblet id-*data* rrapportata mill-erba' kumpaniji li kkooperaw mal-istatistika, li wriet li dawn kienu jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira tal-esportazzjonijiet tal-SSTPF lejn l-Unjoni għall-biċċa l-kbira tal-perjodu ta' investigazzjoni u t-totalità ta' dawk l-esportazzjonijiet fil-perjodu ta' rapportar. L-investigazzjoni stabbiliet li l-ebda waħda mill-erba' kumpaniji ma kienet involuta fit-trażbord. Ix-xiri tagħhom ta' SSTPF mir-RPĊ kien minimu u nbiegħ domestikament fil-Malażja. Għalhekk, din l-allegazzjoni ma setgħetx tiġi kkonfermata minn din l-investigazzjoni.

(36) Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (5), it-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ li jinvolvi esportazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Malażja lejn l-Unjoni li kienet seħħet wara li ġew imposti l-miżuri fuq l-SSTPF li joriġina miċ-Ċina. B'mod konkret, it-talba pprovdiet evidenza, abbażi tal-istatistika uffiċjali, ta' żieda fl-importazzjonijiet tal-SSTPF mill-Malażja fl-Unjoni u żieda parallela fl-importazzjonijiet tal-SSTPF miċ-Ċina lejn il-Malażja ([7]), li jikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ kif meħtieġ mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, kif innotat fil-premessa (6), it-talba pprovdiet evidenza li turi li, abbażi ta' dak li huwa magħruf dwar il-produzzjoni ġenwina fil-Malażja, huwa improbabbli li din il-bidla tirriżulta minn prattika, proċess jew ħidma li għaliha hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Skont it-talba, il-bidla kienet tirriżulta mit-trażbord, u din l-allegazzjoni kienet appoġġata minn evidenza suffiċjenti, b'mod konkret offerti minn kumpaniji Malażjani li pproponew b'mod miftuħ li jipprovdu l-SSTPF Ċiniż filwaqt li jibdlu l-oriġini sabiex jevitaw id-dazji anti-dumping ([8]). Filwaqt li, kif ġie nnotat fil-premessa (35), l-investigazzjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-kumpaniji Malażjani fil-fatt aġixxew fuq l-allegata proposta sabiex jerġgħu jbigħu l-SSTPF Ċiniżi, din ikkonfermat li seħħet bidla fix-xejra tal-kummerċ. Fid-dawl tal-evidenza, b'mod partikolari l-kapaċità ta' produzzjoni ġenwina magħrufa fil-Malażja, kien improbabbli li tali bidla seħħet minħabba prattika, proċess jew ħidma li għaliha hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti. Għalhekk, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni.

([7]) Talba, Punt 43, paġna 8 u punt 55, paġna 12.
([8]) Talba, Punt 62, paġna 14.

(37) L-investigazzjoni kienet tikkonċerna l-prattiki kollha koperti mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku (ara l-premessa (15)), u għalhekk il-Kummissjoni analizzat ukoll l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tal-kumpaniji inkwistjoni abbażi tal-użu ta' materja prima jew prodotti nofshom lesti Ċiniżi.

(38) Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, il-Kummissjoni analizzat speċifikament jekk il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku ġewx issodisfati, b'mod partikolari:

— jekk l-operazzjoni ta' assemblaġġ/kompletazzjoni bdietx jew żdiditx sostanzjalment mill-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping, jew eżatt qabilha, u jekk il-partijiet ikkonċernati humiex mill-pajjiż soġġett għal miżuri, u

— jekk il-partijiet jikkostitwixxux 60 % jew aktar tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u jekk il-valur miżjud tal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, kienx aktar baxx minn 25 % tal-kostijiet tal-manifattura.

2.2. **Kooperazzjoni**

(39) Kif iddikjarat fil-premessa (25), erba' produtturi esportaturi fil-Malażja talbu li jiġu eżentati mill-miżuri, jekk jiġu estiżi għall-Malażja. Huma kkooperaw matul il-proċediment kollu billi ppreżentaw formoli ta' talba għal eżenzjoni, billi pprovdew tweġibiet għal ittri ta' defiċjenza u billi qablu għal verifiki fuq il-post. Il-livell ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Malażjani kien għoli, peress li l-volumi tal-esportazzjoni rrapportati aggregati tagħhom tal-SSTPF lejn l-Unjoni fil-formoli ta' talba għal eżenzjoni sottomessi tagħhom kienu jammontaw għall-volumi tal-importazzjoni totali Malażjani matul il-perjodu ta' rapportar, kif irrapportat fl-istatistika tal-importazzjoni tal-EUROSTAT.

2.3. **Tibdil fix-xejra tal-kummerċ**

2.3.1. *Importazzjonijiet tal-SSTPF fl-Unjoni*

(40) It-Tabella 1 turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-SSTPF miċ-Ċina u mill-Malażja fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni.

Tabella 1

Importazzjonijiet tal-Unjoni ta' SSTPF fil-perjodu ta' investigazzjoni (tunnellati)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	PR
Iċ-Ċina	3 018	3 121	1 412	1 008	523	693	708	719
Indiċi (bażi=2014)	*100*	*103*	*47*	*33*	*17*	*23*	*23*	*24*
Il-Malażja	297	314	382	502	1 120	1 414	1 290	1 626
Indiċi (bażi=2014)	*100*	*106*	*129*	*169*	*377*	*476*	*434*	*547*

Sors:
2014 u 2015: investigazzjoni oriġinali (mingħajr ir-Renju Unit).
2016: Il-Eurostat (l-importazzjonijiet fil-livell NM ġew aġġustati għal-livell TARIC abbażi tad-*data* tal-2017).
2017 sa PR: Il-Eurostat (livell TARIC).

(41) Il-volum totali tal-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' SSTPF mill-Malażja żdied b'aktar minn ħames darbiet fil-perjodu ta' investigazzjoni, minn 297 tunnellata fl-2014 għal 1 626 tunnellata fil-PR.

(42) Fl-istess żmien, l-importazzjonijiet tal-Unjoni miċ-Ċina naqsu b'76 %, minn 3 018-il tunnellata fl-2014 għal 719-il tunnellata fil-PR.

(43) Peress li l-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' trażbord mill-erba' produtturi esportaturi li kkooperaw, il-volumi tal-importazzjoni Malażjani ta' prodott li qiegħed jiġi investigat miċ-Ċina ma ġewx analizzati.

2.3.2. *Importazzjonijiet Malażjani ta' partijiet (materja prima u prodotti nofshom lesti) miċ-Ċina*

(44) Il-materjali ta' input ewlenin għall-produzzjoni tal-SSTPF huma pajpijiet u tubi wweldjati u pajpijiet u tubi mingħajr weldjatura. Dawn il-materjali tal-input imbagħad jiġu pproċessati aktar sabiex jipproduċu fittings iwweldjati u mingħajr weldjatura kif xieraq. Barra minn hekk, fittings mingħajr weldjatura fil-forma ta' tappijiet jiġu prodotti mill-pjanċi. Barra minn hekk, waħda mill-kumpaniji li kkooperaw kienet ukoll qiegħda tuża pjanċi baffle għall-produzzjoni ta' fittings iwweldjati ta' dijametri kbar. Fl-aħħar nett, waħda mill-kumpaniji li kkooperaw kienet qiegħda timporta wkoll, matul parti tal-PI, prodotti nofshom lesti (konnetturi tal-pajpijiet) għal aktar ipproċessar.

(45) It-Tabella 2 turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet Malażjani tal-partijiet użati għall-manifattura tal-SSTPF miċ-Ċina, abbażi tad-*data* vverifikata tal-kumpaniji li kkooperaw. Il-Kummissjoni qabblet dawn iċ-ċifri mal-istatistika tal-importazzjoni Malażjana li nkisbet mill-awtoritajiet Malażjani u dawk disponibbli fil-bażi tad-*data* tal-Atlas tal-Kummerċ Globali (GTA) ([9]). Madankollu, iċ-ċifri rrapportati mill-kumpaniji nstabu aktar affidabbli fix-xejra tal-analiżi tal-kummerċ mill-istatistika tal-importazzjoni. Il-materja prima inkwistjoni tista' tiġi importata fil-Malażja taħt diversi kodiċijiet doganali b'10 ċifri u tista' tintuża wkoll f'setturi downstream għajr il-manifattura tal-SSTPF. Fil-livell tal-produtturi esportaturi li kkooperaw, u minħabba l-kooperazzjoni għolja, il-Kummissjoni tista' tittraċċa l-użu finali tal-partijiet u jekk dawn intużawx għall-esportazzjoni sussegwenti tal-SSTPF lejn l-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża fuq l-informazzjoni vverifikata pprovduta mill-kumpaniji li kkooperaw.

Tabella 2

Importazzjonijiet fil-Malażja ta' materja prima miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni (tunnellati) ([10])

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	PR
Iċ-Ċina	[200 – 300]	[300 – 400]	[580 – 660]	[280 – 360]	[800 – 900]	[1 500 – 1 600]	[1 950 – 2 050]	[2 400 – 2 500]
Indiċi (bażi=2014)	*100*	*134*	*241*	*120*	*336*	*625*	*801*	*977*

Sors: *Data* vverifikata tal-kumpaniji.

(46) Iċ-ċifri fit-Tabella 2 jippreżentaw volumi aggregati ta' importazzjonijiet ta' dik il-materja prima/prodotti nofshom lesti kollha importati miċ-Ċina mill-produtturi Malażjani li kkooperaw, li jkopru 100 % tal-esportazzjonijiet Malażjani tal-SSTPF lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' rapportar.

(47) It-Tabella 2 turi li l-importazzjonijiet Malażjani ta' materja prima/prodotti nofshom lesti miċ-Ċina żdiedu sostanzjalment matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kważi 10 darbiet. Din iż-żieda kienet viżibbli b'mod speċjali fil-perjodu bejn l-2018 u l-PR.

(48) Iż-żieda sinifikanti fil-volumi ta' importazzjonijiet ta' materja prima miċ-Ċina lejn il-Malażja, indikat żieda fid-domanda għal tali materjali ta' input fil-Malażja, li tista', tal-anqas parzjalment, tiġi spjegata miż-żieda fil-produzzjoni u fl-esportazzjonijiet tal-SSTPF mill-Malażja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

2.3.3. *Konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ*

(49) Iż-żieda fl-esportazzjonijiet tal-SSTPF mill-Malażja lejn l-Unjoni, flimkien maż-żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' partijiet lejn il-Malażja matul l-istess perjodu, jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn iċ-Ċina, il-Malażja u l-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku dwar l-anti-dumping.

([9]) https://connect.ihsmarkit.com/gta/home

([10]) Iċ-ċifri jingħataw f'firxiet bħal għas-snin 2014-2017 li jirreferu għal żewġ kumpaniji biss.

(50) Wara l-iżvelar, PMM B.V. indika li f'Jannar 2017 ġew imposti miżuri anti-dumping kontra SSTPF li joriġinaw miċ-Ċina filwaqt li l-importazzjonijiet fl-UE mill-Malażja kienu diġà qed jiżdiedu bejn l-2014 u l-2017.

(51) Il-kumpanija osservat ukoll li ż-żieda fl-importazzjonijiet Malażjani tal-inputs miċ-Ċina fil-PI kienet ħafna ogħla miż-żieda tal-esportazzjonijiet Malażjani ta' fittings lejn l-Unjoni. Skont il-PMM B.V. dan ifisser li l-produtturi Malażjani sempliċement żiedu l-produzzjoni tal-SSTPF, iżda mhux bilfors kellhom is-suq tal-Unjoni fil-mira tagħhom.

(52) Madankollu, ta' min jinnota li l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali nbdiet f'Ottubru 2015. Billi l-bidu tal-proċediment anti-dumping jista' fih innifsu jkollu effett fuq l-imġiba tal-operaturi ekonomiċi, u sabiex ikollha stampa sħiħa u sabiex tqabbel sew il-flussi tal-kummerċ qabel il-bidu tal-investigazzjoni ma' dawk wara dan u wara l-impożizzjoni tad-dazju, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-PI tal-investigazzjoni ta' ċirkomvenzjoni attwali mill-1 ta' Jannar 2014. Tabilħaqq, żieda fl-importazzjonijiet mill-Malażja kienet diġà viżibbli bejn l-2014 u l-2017. Madankollu, iż-żieda fil-volum ta' dawk l-importazzjonijiet aċċellerat bejn l-2017 u l-PR, jiġifieri wara l-impożizzjoni tad-dazju kif previst fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(53) Eżattament l-istess mudell jista' jiġi osservat fl-importazzjonijiet tal-Malażja ta' materja prima miċ-Ċina. Il-fatt li ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-pajpijiet tal-azzar inossidabbli Ċiniżi fil-Malażja ma taqbilx "wieħed-wieħed" maż-żieda fl-esportazzjonijiet Malażjani tal-SSTPF lejn l-Unjoni, ma jbiddilx is-sejba li dawn tal-aħħar żdiedu aktar minn ħames darbiet fl-IP, li, flimkien maż-żieda ta' kważi għaxar darbiet fl-importazzjonijiet ta' inputs mir-RPĊ fil-Malażja, jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, peress li l-pajpijiet importati miċ-Ċina ma humiex użati biss għall-produzzjoni ta' fittings, ma kien hemm l-ebda taqbila "wieħed-wieħed".

(54) Wara l-iżvelar, MAC sostniet ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tanalizza jew milli tikkwalifika l-bidla fix-xejra tal-kummerċ. Fil-fehma tagħha, il-fatt li l-importazzjonijiet ta' materja prima mir-RPĊ lejn il-Malażja żdiedu bi kważi 10 darbiet, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-Unjoni ta' SSTPF mill-Malażja żdiedu biss aktar minn ħames darbiet, jimplika li neċessarjament, madwar nofs biss tal-materja prima importata fil-Malażja miċ-Ċina spiċċat f'SSTPF esportat lejn l-Unjoni. MAC sostniet ukoll li peress li ż-żewġ esportaturi li kkooperaw li diġà nstabu li huma produtturi Malażjani ġenwini importaw biss persentaġġ żgħir ħafna tal-materja prima tagħhom miċ-Ċina iżda żiedu wkoll l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni wara l-impożizzjoni tad-dazju SSTPF, u minħabba li d-*data* tal-bejgħ ivverifikata ta' MAC ikkonfermat li kważi 50 % skont il-piż tal-bejgħ tal-SSTPF ta' MAC marru lejn swieq oħra minbarra l-Unjoni, il-piż tas-sejba tal-"bidla fix-xejra tal-kummerċ" tal-Kummissjoni tidher li taqa' prinċipalment fuq TP u fi kwalunkwe każ is-sejba hija mhux raġunata adegwatament jew ibbażata fuq evidenza konsistenti.

(55) L-asserzjoni ġiet miċħuda. L-ewwel, fil-livell tal-pajjiż kollu, abbażi ta' statistika uffiċjali u *data* vverifikata mill-kumpaniji li kkooperaw, l-investigazzjoni stabbiliet li, filwaqt li l-importazzjonijiet ta' SSTPF mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti, kien hemm żidiet sinifikanti fiż-żewġ importazzjonijiet ta' inputs mir-RPĊ għall-Malażja u importazzjonijiet tal-Unjoni ta' SSTPF mill-Malażja fil-perjodu ta' investigazzjoni. Evidenza bħal din turi biċ-ċar li d-domanda dejjem tiżdied għal tali materjali ta' input fil-Malażja tista', għallinqas parzjalment, tiġi spjegata biż-żieda fil-produzzjoni u fl-esportazzjonijiet ta' SSTPF mill-Malażja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni (ara l-premessa (48)). It-tieni, anki wara l-argument ta' MAC li madwar nofs biss tal-materja prima importata fil-Malażja miċ-Ċina spiċċat f'SSTPF esportat lejn l-Unjoni, xorta jkun hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. It-tielet, minbarra li analizzat il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fil-livell tal-pajjiż kollu, il-Kummissjoni analizzatha wkoll fil-livell ta' MAC u t-TP biss, abbażi tad-*data* tagħhom stess kif ivverifikata, u hemm ukoll żidiet sinifikanti, paralleli (ara t-tabella 3 hawn taħt). Il-biċċa l-kbira taż-żewġ żidiet jaqgħu prinċipalment fuq MAC, peress li TP bdiet topera biss fit-tieni nofs tal-2020 (ara l-premessa (89)). Barra minn hekk, ħafna mill-esportazzjonijiet ta' MAC lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni saru minn partijiet importati mir-RPĊ, peress li l-kumpanija importat kważi 100 % tal-materja prima tagħha miċ-Ċina (ara l-premessa (58)). Għalhekk, fil-livell tal-pajjiż kollu, l-investigazzjoni wriet bidla ċara fix-xejra tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-investigazzjoni fil-livell tal-kumpanija, abbażi ta' *data* vverifikata mill-kumpanija, sabet li MAC kienet waħda mill-kontributuri ewlenin għal dik il-bidla. MAC ma offriet l-ebda analiżi, raġunament jew kwalifika differenti, u lanqas ma ssuġġeriet liema evidenza oħra kellha tuża l-Kummissjoni.

2.4. **Prattika, proċess jew ħidma li għaliha ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti, għajr dik tal-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping**

(56) Il-Kummissjoni l-ewwel analizzat jekk l-operazzjonijiet tal-kumpaniji li kkooperaw bdewx jew żdidux sostanzjalment mill-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping, jew eżatt qabilha, u jekk il-partijiet ikkonċernati kinux ġejjin mill-pajjiż soġġett għal miżuri.

(57) Il-kumpaniji li kkooperaw importaw materja prima u partijiet miċ-Ċina fil-PI u b'hekk possibbilment wettqu operazzjonijiet ta' assemblaġġ/kompletazzjoni fil-Malażja, qabel ma baħtu l-SSTPF lejn l-Unjoni.

(58) MAC u TP bdew l-operazzjonijiet tagħhom wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq iċ-Ċina f'Jannar 2017 (fl-2018 u fl-2020 rispettivament). Huma importaw kważi 100 % tal-materja prima tagħhom miċ-Ċina ([11]).

(59) Barra minn hekk, il-bejgħ taż-żewġ kumpaniji tal-SSTPF lejn l-Unjoni u l-importazzjonijiet tal-materja prima miċ-Ċina żdiedu b'mod sinifikanti mill-mument tal-istabbiliment tal-kumpaniji, bl-ogħla livell fil-PR.

(60) It-Tabella 3 turi x-xejriet abbażi taċ-ċifri aggregati għaż-żewġ kumpaniji fir-rigward tal-esportazzjonijiet tagħhom tal-SSTPF lejn l-Unjoni u l-importazzjonijiet tagħhom ta' materja prima/prodotti nofshom lesti miċ-Ċina fil-perjodu bejn l-2018 u l-PR ([12]).

Tabella 3

Indikaturi tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni ta' MAC u TP (sena 2018=100)

	2018	2019	2020	PR
Esportazzjonijiet ta' SSTPF lejn l-UE	*100*	*527*	*654*	*813*
Importazzjonijiet ta' RM miċ-Ċina	*100*	*366*	*440*	*608*

Sors: *data* ta' kumpaniji verifikati.

(61) Is-sitwazzjoni taż-żewġ kumpaniji l-oħrajn (Pantech u SPI) kienet kompletament differenti. Iż-żewġ kumpaniji kienu produtturi tal-SSTPF anke qabel l-2014. L-applikanti fit-talba tagħhom identifikaw iż-żewġ kumpaniji bħala produtturi ġenwini ([13]). L-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni żdiedu wara l-impożizzjoni tal-miżuri, iżda l-investigazzjoni kkonfermat li kienu produtturi ġenwini (ara t-Taqsima 2.5 hawn taħt dwar it-test tal-valur tal-partijiet). Matul il-PI, miċ-Ċina ġew importati biss pajpijiet mingħajr weldjatura, li kienu jikkostitwixxu perċentwal żgħir tal-materja prima/partijiet tagħhom, u sussegwentement intużaw għall-produzzjoni tal-SSTPF esportat lejn l-Unjoni.

(62) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jirrikjedi rabta bejn il-prattika, il-proċess jew il-ħidma inkwistjoni u l-bidla fix-xejra tal-kummerċ, peress li din tal-aħħar trid"*tirriżulta*" minn tal-ewwel. Għalhekk hija l-prattika, il-proċess jew il-ħidma li twassal għall-bidla fix-xejra tal-kummerċ, li jeħtieġ li jkollha raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju, sabiex ma titqiesx bħala ċirkomvenzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(63) Minkejja li seta' kien hemm raġunijiet oħrajn sabiex tiġi stabbilita l-kumpanija fil-Malażja minbarra l-miżuri fis-seħħ, jiġifieri sabiex tissupplixxi s-suq domestiku Malażjan, hemm elementi oħrajn li, sa fejn huma kkonċernati MAC u TP, jindikaw bis-sħiħ bidla fix-xejra tal-kummerċ b'rabta mal-impożizzjoni tad-dazji:

— il-kumpaniji ġew stabbiliti wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali;

([11]) Fl-ewwel sena (2018) tal-attività tagħha u fil-PR, MAC kellha wkoll xiri minuri ta' pjanċi mill-Malażja.
([12]) Minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità huwa pprovdut biss indiċi peress li ċ-ċifri jikkonċernaw biss żewġ kumpaniji.
([13]) Talba, punt 60, paġna 12.

— l-operazzjoni żdiedet sostanzjalment billi ż-żewġ kumpaniji rrappreżentaw 8 % tal-esportazzjonijiet Malażjani tal-SSTPF lejn l-Unjoni fl-2018 u 47 % ta' dawn l-esportazzjonijiet fil-PR;

— il-bejgħ tagħhom lejn l-Unjoni kien ogħla mill-bejgħ domestiku u minn pajjiżi terzi kkombinat tagħhom, li juri li dawn kienu mmirati b'mod ċar lejn is-suq tal-Unjoni. Waħda minn dawn il-kumpaniji kienet qiegħda tbigħ biss lill-Unjoni.

(64) Barra minn hekk, TP hija sussidjarja kompletament proprjetà tal-kumpanija Ċiniża Sinotube, li min-naħa tagħha hija parti mill-Grupp Tsingshan, ġgant tal-azzar Ċiniż li jipproduċi varjetà wiesgħa ta' prodotti tal-azzar, inkluż l-SSTPF.

(65) Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju, għall-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' MAC u TP fiż-żewġ siti ta' produzzjoni ([14]) fil-Malażja. Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ kienet riżultat tal-fatt li l-operazzjoni bdiet u mbagħad żdiedet sostanzjalment wara li ġew imposti l-miżuri oriġinali.

(66) Wara l-iżvelar, MAC sostniet li kien hemm raġuni xierqa u ġustifikazzjoni ekonomika biżżejjed għall-istabbiliment tagħha tard fl-2017 u għat-tkabbir tal-operazzjonijiet ta' produzzjoni u għall-esportazzjonijiet internazzjonali tagħha fis-snin ta' wara.

(67) B'mod konkret, MAC sostniet li r-raġuni għall-istabbiliment tal-kumpanija hija essenzjalment opportunità ta' negozju li ma kellha xejn x'taqsam mal-impożizzjoni tad-dazji fl-investigazzjoni oriġinali. Hija ħadet f'idejha n-negozju ta' produttur ġenwin (KT Fittings) u qalbet il-fokus tal-operat tagħha għall-produzzjoni minn pajpijiet mingħajr weldjatura miċ-Ċina. Skont is-sottomissjoni tagħha, MAC ħadet f'idejha dak in-negozju biex twettaq il-livell ta' pproċessar suffiċjenti biex tikkwalifika għall-oriġini Malażjana skont ir-regoli tal-oriġini mhux preferenzjali tal-Unjoni. Peress li KT Fittings ma kinitx soġġetta għal dazji anti-dumping, billi ħadet f'idejha l-makkinarju, is-sit ta' produzzjoni u l-lista tal-klijenti tal-predeċessur tagħha, il-maniġment il-ġdid allegatament kellu raġunijiet iġġustifikati biex jemmen li l-bejgħ futur ta' MAC ikun ħieles minn kwalunkwe "dazju tal-UE fuq l-SSTPF". Il-bidla mill-produzzjoni minn pajpijiet iwweldjati għal pajpijiet mingħajr weldjatura kienet allegatament dovuta għall-fatt li dan is-suq kien iddominat minn żewġ produtturi Malażjani oħrajn integrati vertikalment (Pantech u SPI). Fil-fehma ta' MAC, dan kollu kien jikkostitwixxi kawża dovuta u ġustifikazzjoni ekonomika skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, u l-fatt li MAC ġiet stabbilita fl-2017, wara l-bidu tal-investigazzjoni oriġinali, kien koinċidenza.

(68) Barra minn hekk, MAC argumentat li l-iżvelar ma qajjem l-ebda dubju dwar il-kapaċità sħiħa ta' produzzjoni ta' MAC u l-produzzjoni reali ta' fittings mix-xiri verifikat tagħha ta' materja prima meħtieġa minn kwalunkwe produttur ġenwin ta' SSTPF. Kemm fir-rigward tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' MAC kif ukoll fir-rigward ta-produzzjoni reali tal-linja sħiħa mill-materja prima, ma kien hemm l-ebda differenza bl-istabbiliment ta' Pantech u SPI.

(69) MAC sostniet ukoll li ma kien hemm l-ebda xebh fattwali bejn MAC u TP, u li d-dikjarazzjoni fir-rigward ta' MAC li timmira s-suq tal-Unjoni kienet fattwalment ineżatta. It-52 % skont il-piż (jew 54 % skont il-valur) taċ-ċifra tal-bejgħ ta' MAC għall-Unjoni ma setgħetx titqies bħala "mira" tas-suq tal-Unjoni.

(70) Barra minn hekk, PMM B.V. fil-kummenti tiegħu dwar l-iżvelar enfasizza l-fatt li MAC hija "kontinwazzjoni" tal-kumpanija KT Fittings u bħala tali hija "produttur ġenwin li kien jipproduċi fittings ħafna qabel il-perjodu ta' investigazzjoni". Kumment identiku ġie sottomess minn Dacapo Stainless B.V. ("DS B.V."), importatur ieħor tal-Unjoni.

(71) Fil-bidu, il-Kummissjoni fakkret li vverifikat fuq il-post, fost fatturi oħra, il-produzzjoni reali, il-kapaċità ta' produzzjoni u x-xiri ta' inputs ta' MAC, u li l-fatti stabbiliti dwar dawk il-fatturi ma ġewx ikkontestati. Minn dan ta' hawn fuq jirriżulta li, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni stabbiliet differenza bejn MAC u SPI u Pantech. Kif stabbilit fil-premessi (87), (98) u (99), 99,99 % tal-partijiet użati minn MAC fil-produzzjoni tagħhom tal-SSTPF kienu mir-RPĊ, filwaqt li għal Pantech u għal SPI, is-sehem kien inqas minn 10 % u 30 % rispettivament. Rigward ix-xebh fattwali bejn MAC u TP, l-investigazzjoni stabbiliet li ż-żewġ kumpaniji kienu involuti fi prattika simili fis-sens li t-tnejn li huma importaw il-biċċa l-kbira tal-inputs mir-RPĊ, żiedu valur limitat għalihom, u esportaw il-fittings li rriżultaw lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, is-sejbiet fir-rigward ta' MAC huma bbażati fuq l-attivitajiet reali tagħha mhux fuq dak li MAC setgħet ipotetikament għamlet bil-makkinarju u bis-sit ta' produzzjoni tagħha.

([14]) Li jammontaw fil-PR diġà għal kważi 40 % tal-esportazzjonijiet Malażjani lejn l-Unjoni.

(72) Kif iddikjarat fil-premessa (62), l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi rabta bejn il-prattika, il-proċess jew ix-xogħol inkwistjoni u l-bidla fix-xejra tal-kummerċ peress li din tal-aħħar trid "tirriżulta" minn tal-ewwel. Għalhekk hija l-prattika, il-proċess jew il-ħidma li twassal għall-bidla fix-xejra tal-kummerċ, li jeħtieġ li jkollha raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju, sabiex ma titqiesx bħala ċirkomvenzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(73) Jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi, bħad-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol imħarrġa u assi, għall-istabbiliment ta' kumpanija. Madankollu, l-importanti ma huwiex biss l-istabbiliment tagħha iżda l-mod kif topera l-kumpanija inkwistjoni. Fi kliem ieħor, jekk l-attività tal-kumpanija — il-prattika, il-proċess jew ix-xogħol tagħha — hija r-raġuni għall-bidla tax-xejra tal-kummerċ, il-ġustifikazzjoni ekonomika u l-kawża dovuta għal dik il-prattika jridu jiġu eżaminati skont l-Artikolu 13(1).

(74) Kif spjegat fil-premessa (87), l-investigazzjoni sabet li l-prattika li fiha hija involuta MAC hija operazzjoni ta' assemblaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kumpanija essenzjalment xtrat pajpijiet Ċiniżi mingħajr weldjatura, żiedet ftit valur biex ittrasformathom f'SSPTF u biegħethom fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif diskuss fil-premessi (57) sa (60), din il-prattika nstabet li kienet responsabbli għall-bidla fix-xejra tal-kummerċ.

(75) Rigward il-ġustifikazzjoni ekonomika u l-kawża dovuta, jenħtieġ li jiġi nnutat li, bħal TP, MAC ġiet stabbilita wara l-impożizzjoni tad-dazji. Barra minn hekk, kif rikonoxxut fis-sottomissjoni, kuntrarjament għall-predeċessur tagħha — KT Fittings — MAC iffokat l-operat tagħha fuq il-produzzjoni minn pajpijiet Ċiniżi mingħajr weldjatura. Tabilħaqq, kuntrarjament għall-każ deskritt fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2093 ([15]), imsemmi minn MAC, l-investigazzjoni ma sabet l-ebda mudell ta' negozju bbażat fuq bejgħ lill-Unjoni ta' SSTPF Malażjani magħmulin prattikament esklużivament minn partijiet Ċiniżi li joriġinaw qabel l-impożizzjoni tad-dazji. Barra minn hekk, skont is-sottomissjonijiet tagħha, MAC ġiet stabbilita abbażi tal-aspettattiva li kienet se tikseb livell ta' pproċessar biżżejjed biex tagħti oriġini mhux preferenzjali Malażjana u li tkun tista' takkwista materja prima mir-RPĊ billi tibbaża fuq relazzjonijiet preċedenti ma' fornitur Ċiniż. Ir-raġuni għall-operazzjonijiet ta' MAC kienet għalhekk li tkun tista' tuża kważi esklużivament parts Ċiniżi, iżżid ftit valur u tesporta lejn l-Unjoni prodotti ta' oriġini Malażjana, mingħajr ma tħallas id-dazju anti-dumping fuq importazzjonijiet mir-RPĊ. Tabilħaqq, kif iddikjarat MAC fil-kummenti tagħha dwar l-iżvelar, il-ksib ta' oriġini Malażjana mhux preferenzjali kien kawża għall-istabbiliment tal-kumpanija, u ġie reklamat minnhom u mitlub mill-klijenti tagħhom.

(76) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma ngħatatx informazzjoni dwar l-operat ta' KT fittings qabel l-istabbiliment ta' MAC. Madankollu, la l-fatt li MAC ħadet f'idejha l-makkinarju, il-persunal, l-esperjenza amministrattiva u l-bażi tal-klijenti ta' KT fittings u lanqas il-fatt li ma kellhiex fil-mira tagħha, esklużivament, is-suq tal-Unjoni, ma setgħu jbiddlu l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni fir-rigward ta' MAC.

(77) Konsegwentement, MAC naqset milli turi li kien hemm biżżejjed raġuni xierqa jew ġustifikazzjoni ekonomika minbarra l-impożizzjoni tad-dazju għall-prattika tagħha inkwistjoni.

(78) Wara l-iżvelar, MAC sostniet li l-ipproċessar tagħha tal-pajpijiet Ċiniżi tkompli tagħti lok għal bidla fl-intestaturi tat-tariffi tal-materja prima kollha u b'hekk tagħti oriġini Malażjana lill-SSTPF ta' MAC taħt ir-regoli ta' oriġini "speċifiċi" rilevanti tal-UE. Skont MAC, ir-regoli tal-oriġini tal-UE jridu jitqiesu fl-investigazzjonijiet antiċirkomvenzjoni tal-UE.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2093 tal-15 ta' Novembru 2017 li jtemm l-investigazzjoni dwar il-possibilità ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1331/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi tal-azzar inossidabbli mingħajr saldaturi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina minn importazzjonijiet mibgħuta mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja u kemm jekk le, u li jtemm ir-reġistrazzjoni imposta fuq it-tali importazzjonijiet mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/272 (ĠU L 299, 16.11.2017, p. 1).

(79) Il-bażi ġuridika għal investigazzjoni antiċirkomvenzjoni hija l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, u mhux il-leġiżlazzjoni doganali dwar l-oriġini. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-uniku għan ta' Regolament li jestendi dazju anti-dumping huwa li jiżgura l-effettività ta' dak id-dazju u li jipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tiegħu ([16]). Il-ġurisprudenza ċċarat li l-użu ta' "minn" aktar milli "oriġina minn" fl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku jimplika li "l-leġiżlatur tal-UE għażel deliberatament li jiddistanzja ruħu mir-regoli tal-oriġini skont il-liġi doganali u li, għalhekk, il-kunċett ta' "minn" […] jippossjedi tifsira awtonoma u distinta minn dik tal-kunċett ta' "oriġini" taħt il-liġi doganali" ([17]). Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(80) Wara l-iżvelar, PMM B.V. ikkummenta dwar ċerti sejbiet tal-investigazzjoni li jikkonċernaw TP. B'mod konkret, il-kumpanija indikat li TP bdiet topera kważi sitt snin wara l-bidu tal-investigazzjoni oriġinali, u dan allegatament ma jikkwalifikax bħala ċirkomvenzjoni kif definit fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, PMM B.V. osserva li fl-2022, TP biegħet biss 50 % tal-fittings tagħha lill-Unjoni, għalhekk ma kinitx għadha qed timmira biss lis-suq tal-Unjoni kif instab mill-Kummissjoni fil-PR.

(81) L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li la PMM B.V. u lanqas ir-rappreżentant legali tagħhom ma kellhom is-setgħa li jirrappreżentaw lil TP f'din il-proċedura, u li TP ma bagħtet l-ebda sottomissjoni li tikkontesta s-sejbiet tal-investigazzjoni wara l-iżvelar. It-tieni, PMM B.V. fis-sottomissjoni tiegħu rrefera għal korrispondenza kunfidenzjali ma' "direttur/maniġer ġenerali ta' TP" li l-Kummissjoni ma sabitx imniżżel fil-bord tad-diretturi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' TP. It-tielet, id-*data* ta' wara PR speċifiku għall-kumpanija ma setgħetx titqies peress li ma setgħetx tiġi vverifikata. Fl-aħħar, TP bdiet l-operazzjonijiet tagħha fit-tieni nofs tal-2020 (ara l-premessa (89)), għalhekk ir-rekwiżit tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku kien issodisfat b'mod ċar peress li l-operazzjoni bdiet u żdiedet sostanzjalment mill-bidu tal-investigazzjoni oriġinali, fl-2015.

(82) PMM B.V. sostna ukoll li kemm TP kif ukoll MAC ma kinux qed jassemblaw iżda kienu qed jimmanifatturaw, u għalhekk l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku ma kienx applikabbli fil-każ tagħhom, peress li ma jkoprix il-modifika u l-ħidma ta' materja prima biex jiġi ffurmat prodott ieħor, bħal fil-każ ta' SSTPF. Biex isostnu dik l-asserzjoni huma rreferew ukoll għall-premessa (20) tar-Regolament bażiku. Fil-fehma tagħhom, l-aċċenn ta' "sempliċi assemblaġġ" f'dik il-premessa jfisser li t-terminu għandu jiġi interpretat b'mod dejjaq.

(83) Il-Kummissjoni nnutat li r-Regolament bażiku ma jiddefinix it-termini "operazzjoni ta' assemblaġġ" jew "operazzjoni ta' kompletazzjoni". Madankollu, il-mod kif l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku huwa mibni jiffavorixxi interpretazzjoni wiesgħa tat-terminu "operazzjoni ta' assemblaġġ" peress li, skont l-Artikolu 13(2)(b), huwa espliċitament maħsub ukoll biex jiġbor fih "operazzjoni ta' kompletazzjoni" . Minn dan isegwi li "operazzjoni ta' assemblaġġ" skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2) hija maħsuba biex tkopri mhux biss operazzjonijiet li jikkonsistu fl-assemblaġġ ta' partijiet ta' oġġett kompost, iżda tista' tinvolvi wkoll ipproċessar ulterjuri jiġifieri tlestija ta' prodott. Fil-fatt, meta interpretat l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "skont ġurisprudenza stabbilita, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li ma titqiesx biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest li fih issemmeħ u l-objettivi segwiti mir-regoli li jagħmlu parti minnha" ([18]).

(84) Barra minn hekk, il-premessa (20) tar-Regolament bażiku taqra "il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jkun fiha dispożizzjonijiet biex jiġu indirizzati prattiki, inkluż sempliċi assemblaġġ ta' oġġetti fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, li għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping". Din il-formulazzjoni tal-kliem pjuttost tissuġġerixxi interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 13(2) sabiex il-prattiki kollha bl-għan ewlieni ta' ċirkomvenzjoni tad-dmirijiet, jiġifieri assemblaġġ "sempliċi" u prattiki oħra, ikunu koperti.

(85) L-investigazzjoni wriet li l-operazzjonijiet imwettqa minn MAC u TP issodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku biex operazzjoni ta' assemblaġġ tikkostitwixxi ċirkomvenzjoni. PMM B.V. ma offra l-ebda evidenza kuntrarja. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

([16]) Is-Sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, *Il-Kummissjoni vs Kolachi Raj Industrial*, C-709/17 P,EU:C:2019:717, il-punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([17]) Is-Sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, *Kummissjoni / Kolachi Raj Industrial*, C-709/17 P, EU:C:2019:717, il-punt 90.

([18]) Is-Sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, Il-Kummissjoni vs Kolachi Raj Industrial, C-709/17 P,EU:C:2019:717, il-punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata.

2.5. **Valur tal-partijiet u valur miżjud**

(86) L-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, kundizzjoni sabiex tiġi stabbilita ċ-ċirkomvenzjoni hija li l-partijiet mill-pajjiżi soġġetti għall-miżuri jikkostitwixxu 60 % jew aktar tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u li l-valur miżjud tal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, ikun anqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura.

MAC u TP

(87) Għall-MAC, fil-PR 99,99 % tal-partijiet kollha li ntużaw mill-kumpanija kienu ġejjin miċ-Ċina. Il-valur miżjud mal-materja prima kien anqas minn 15 % tal-kost tal-manifattura.

(88) Għal TP, il-partijiet kollha li ntużaw mill-kumpanija fil-produzzjoni tal-fittings fil-PR ġew importati miċ-Ċina.

(89) TP bdiet l-operazzjonijiet tagħha fit-tieni nofs tal-2020. L-użu tal-kapaċità tagħha kif irrapportat kien taħt il-5 % fl-2020 u taħt il-25 % fil-PR. Madankollu, il-kumpanija allokat b'mod żbaljat deprezzament sħiħ tal-makkinarju u l-kost sħiħ tal-kiri (art u bini) bħala l-valur miżjud mal-partijiet li ddaħħlu fil-kwantità ta' produzzjoni estremament baxxa.

(90) Għalhekk, il-Kummissjoni aġġustat iż-żewġ elementi tal-kost imsemmija hawn fuq sabiex tirrifletti b'mod raġonevoli l-valur miżjud fil-kuntest tal-użu baxx tal-kapaċità tal-kumpanija matul il-PR.

(91) Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqqset il-kost tal-produzzjoni (u, min-naħa tagħha, il-valur miżjud) bl-introjtu vverifikat mill-bejgħ ta' ruttam iġġenerat fil-produzzjoni tal-SSTPF.

(92) Fl-aħħar nett, ġie applikat aġġustament għall-varjazzjoni fl-istokk tax-xogħol li għaddej. Dan l-aġġustament ippermetta l-iżolament tal-kost tal-produzzjoni marbut mal-kwantità ta' prodotti lesti manifatturati fil-PR u l-eliminazzjoni tal-kost tal-materja prima u l-ipproċessar marbut mal-prodotti, li kienu għadhom ma humiex lesti fi tmiem il-PR. Il-kumpanija nnifisha ma kinitx qiegħda żżomm rekords tax-xogħol li kien għaddej. Madankollu, il-Kummissjoni setgħet tistma l-varjazzjoni fl-istokk tax-xogħol li kien għaddej abbażi tal-movimenti vverifikati tal-istokk tal-materja prima u tal-prodotti lesti. Ir-rapporti tal-inventarju rispettivi nġabru matul il-verifika fuq il-post.

(93) Wara l-aġġustamenti deskritti fil-premessi (89) sa (92), il-valur miżjud stabbilit għal TP kien anqas minn 18 % tal-kost tal-manifattura.

(94) Wara l-iżvelar, PMM B.V. (għal darb'oħra f'isem direttur/maniġer ġenerali "mhux magħruf" ta' TP kif spjegat fil-premessa (81) hawn fuq) talab l-iżvelar dettaljat tal-kalkolu tal-valur miżjud ta' hawn fuq.

(95) Madankollu, il-kalkolu inkwistjoni kien diġà żvelat lil TP bħala parti mill-iżvelar speċifiku sensittiv tagħha. TP ma ssottomettiet l-ebda kumment f'dan ir-rigward.

(96) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li, għal MAC u għal TP, il-partijiet li nxtraw miċ-Ċina kienu jikkostitwixxu 60 % jew aktar mill-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat, u li l-valur miżjud għall-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew kompletazzjoni, kien anqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura, kif meħtieġ bl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku sabiex dawn l-operazzjonijiet jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni.

Pantech u SPI

(97) Iż-żewġ kumpaniji pproduċew fittings mingħajr weldjatura (standard [19]) u caps) u fittings iwweldjati. Hemm tliet tipi ta' materja prima/partijiet li jintużaw f'din il-produzzjoni: pajpijiet mingħajr weldjatura għall-produzzjoni ta' fittings standard mingħajr weldjatura, pjanċi għall-produzzjoni ta' caps u pajpijiet iwweldjati għall-produzzjoni ta' fittings standard iwweldjati.

[19] F'dan il-każ, "standard" tirreferi għal fittings mingħajr weldjatura prodotti minn pajpijiet u tubi mingħajr weldjatura, bħal elbows, tees u reducers.

(98) Pantech hija integrata vertikalment fil-produzzjoni tagħha ta' fittings iwweldjati, jiġifieri l-kumpanija pproduċiet il-pajpijiet iwweldjati tagħha stess. Il-pjanċi li l-kumpanija użat għall-produzzjoni tal-caps kienu wkoll prodotti minnha stess (it-tqattigħ ta' pajpijiet iwweldjati) jew prinċipalment akkwistati minn produtturi lokali Malażjani ([20]). Il-kumpanija importat miċ-Ċina 100 % tal-pajpijiet mingħajr weldjatura. Madankollu, il-produzzjoni ta' fitting mingħajr weldjatura kienet perċentwal żgħir tal-attività tal-kumpanija. Għaldaqstant, fil-PR, il-partijiet importati miċ-Ċina kienu jammontaw għal anqas minn 10 % tal-partijiet kollha użati fil-produzzjoni totali tal-SSTPF.

(99) B'mod simili għal Pantech, SPI kienet qiegħda tuża wkoll fil-produzzjoni tagħha l-pajpijiet iwweldjati tagħha stess (mixtrija minn produttur relatat Malażjan). Il-pjanċi ġew akkwistati wkoll domestikament, filwaqt li l-pajpijiet mingħajr weldjatura kienu 100 % importati miċ-Ċina. B'kunsiderazzjoni tal-istruttura tal-produzzjoni tal-kumpanija, il-partijiet importati miċ-Ċina ammontaw fil-PR għal anqas minn 30 % tal-partijiet kollha użati fil-produzzjoni totali tal-SSTPF.

(100) Għalhekk, il-partijiet mill-pajjiż soġġetti għal miżuri jikkostitwixxu ħafna anqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet għal Pantech u SPI.

(101) Barra minn hekk, għaż-żewġ kumpaniji, dawn l-operazzjonijiet diġà seħħew qabel l-impożizzjoni tal-miżuri u, barra minn hekk, ma mmirawx biss speċifikament lejn is-suq tal-Unjoni. Għalhekk, l-operazzjonijiet imwettqa minn Pantech u SPI ma kinux jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni kif previst fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku

2.6. **Imminar tal-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping**

(102) F'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat, kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet, imminawx l-effetti ta' rimedju tal-miżuri attwalment fis-seħħ.

(103) Il-kwantitajiet ta' SSTPF li ġew esportati fl-Unjoni minn MAC u TP żdiedu b'mod sinifikanti f'volumi assoluti matul il-perjodu ta' investigazzjoni u rrappreżentaw madwar 6 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-PR. Il-konsum fl-Unjoni ġie stmat li huwa aktar minn 12 000 tunnellata li jirriżultaw miż-żieda tal-importazzjonijiet kollha tal-SSTPF mill-oriġini kollha, li jammontaw għal aktar minn 4 000 tunnellata, għall-bejgħ tal-Unjoni kif previst mill-applikant għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, li jammonta għal aktar minn 8 000 tunnellata.

(104) Rigward il-prezzijiet, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju mhux dannuż kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, aġġustat għall-inflazzjoni, mal-medja ponderata tal-prezzijiet tal-esportazzjoni CIF iddeterminata fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta minn MAC u TP, aġġustata kif dovut sabiex tinkludi l-kostijiet ta' wara l-iżdoganar. Dan it-tqabbil tal-prezzijiet wera li ż-żewġ kumpaniji biegħu anqas b'mod sostanzjali (b'aktar minn 50 %) mill-prezzijiet tal-Unjoni fil-PR. Barra minn hekk, il-prezzijiet kurrenti tal-importazzjoni ta' MAC u TP waqqgħu wkoll il-prezzijiet tal-Unjoni pprovduti mill-applikant fit-talba għas-sena 2021, u huma wkoll taħt il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-istess sena ([21]).

(105) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri eżistenti kienu imminati f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet mill-importazzjonijiet mill-Malażja ta' MAC u TP.

(106) Wara l-iżvelar, PMM B.V. indika li l-kwantitajiet esportati minn MAC u minn TP lejn l-Unjoni ma setgħux possibbilment jimminaw l-effett ta' rimedju tal-miżuri, peress li dawn il-kwantitajiet irrappreżentaw biss 6 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-PR.

(107) Barra minn hekk, PMM B.V. u DS B.V. ikkontestaw is-sejbiet tal-Kummissjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezz u l-bejgħ taħt il-prezz fir-rigward tal-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' MAC u ta' TP. Huma bbażaw l-asserzjonijiet tagħhom fuq paragun tal-fatturi tax-xiri tagħhom minn esportaturi Malażjani u minn produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, sostnew li dawk il-prezzijiet ma setgħux jitqabblu, peress li l-fittings Malażjani u dawk prodotti fl-Unjoni kienu ta' standards differenti u ma humiex interkambjabbli.

([20]) Pantech importat kwantitajiet żgħar ta' pjanċi miċ-Ċina fl-2015 u fl-2018.

([21]) It-Talba, Taqsimiet C.3.1 sa C.3.3.

(108) Rigward il-kwantitajiet, PMM B.V. ma pprovda l-ebda argumentazzjoni għaliex 6 % ma setgħux jitqiesu li jimminaw l-effett ta' rimedju tal-miżuri, sempliċement iddikjara li "fil-fehma tagħhom 6 % ma huwiex qed jimmina f'termini ta' volum minħabba li huwa ftit wisq biex wieħed jitkellem dwar imminar". Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li 6 % tas-sehem tas-suq ma kienx insinifikanti f'termini ta' volum. Għall-kuntrarju, dan il-volum ta' importazzjonijiet li nstab li kien qed jagħmel ċirkomvenzjoni tal-miżuri kien kważi għoli daqs is-sehem totali tas-suq tat-Tajwan fl-investigazzjoni oriġinali. Dan kien biżżejjed biex jiġi konkluż li volumi bħal dawn kienu qed jikkawżaw ħsara lill-industrija tal-Unjoni u rriżultaw fl-impożizzjoni ta' miżuri kontra t-Tajwan.

(109) It-tieni, il-Kummissjoni għamlet il-kalkoli tagħha tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz fuq il-bażi ta' settijiet sħaħ ta' *data* vverifikati fil-bini tal-kumpaniji li ssottomettew kwestjonarji/formoli ta' eżenzjoni. L-importaturi tal-Unjoni ma kellhomx aċċess għal dawn iċ-ċifri. Il-kalkoli ġew żvelati bis-sħiħ lill-esportaturi Malażjani. Ħadd minnhom ma ressaq xi kumment f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-ebda wieħed miż-żewġ importaturi tal-Unjoni li kkontestaw il-kalkoli tal-Kummissjoni ma pprovda tweġibiet għall-kwestjonarju matul l-investigazzjoni. Għalhekk, iċ-ċifri li ppreżentaw wara l-iżvelar ma setgħux jiġu vverifikati mill-Kummissjoni.

(110) Fl-aħħar nett, ma hemm l-ebda bażi ġuridika biex wieħed iħares lejn id-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott u l-interkambjabbiltà ta' tipi differenti ta' prodotti taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, biex tiġi stabbilita ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni trid tiddetermina li "l-effetti ta' rimedju tad-dazju qed jiġu mminati f'termini ta' prezzijiet u/jew kwantitajiet". Id-dazju msemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku huwa d-dazju anti-dumping oriġinali. Tali dazju ġie stabbilit fuq il-bażi tal-ambitu tal-prodott fl-investigazzjoni oriġinali ([22]). Għalhekk, il-valutazzjoni dwar jekk l-effetti tagħha humiex qed jiġu mminati għandha titwettaq abbażi tal-istess ambitu.

2.7. **Evidenza ta' dumping**

(111) F'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk kienx hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti preċedentement għall-prodotti simili.

(112) Il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet medji tal-esportazzjoni ta' SSTPF mill-Malażja fil-PR, abbażi tad-*data* vverifikata ta' MAC u TP, mal-valuri normali stabbiliti għaċ-Ċina fl-investigazzjoni oriġinali dwar l-anti-dumping, aġġustati għall-inflazzjoni.

(113) It-tqabbil tal-valuri normali u tal-prezzijiet tal-esportazzjoni wera li l-SSTPF esportat minn MAC u TP ġie esportat bi prezzijiet oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' rapportar.

(114) Wara l-iżvelar, PMM B.V. tenna l-argumentazzjoni tiegħu fir-rigward tan-nuqqas ta' interkambjabbiltà tal-fittings tal-Malażja u dawk prodotti mill-Unjoni fir-rigward tal-kalkoli tad-dumping.

(115) Din l-asserzjoni ġiet miċħuda fuq l-istess bażi bħal dik spjegata fil-premessa (110). Tabilħaqq, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, biex tistabbilxxi ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni trid tiddetermina li hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għal prodotti li jixxiebħu jew simili. Il-valur normali stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali kien ibbażat fuq l-ambitu oriġinali tal-prodott, li kien jinkludi fittings ta' standards differenti.

3. **MIŻURI**

(116) Abbażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet qiegħda ssir ċirkomvenzjoni tad-dazji anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' SSTPF li joriġina fir-RPĊ permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat ikkonsenjat mill-Malażja minn MAC u TP.

([22]) Dan stabbilixxa li prodotti bi standards differenti jikkondividu l-istess karatteristiċi speċifiċi u huma interkambjabbli. Ara l-premessi (52) sa (60) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/141 (ĠU L 22, 27.1.2017, p. 14).

(117) Minħabba li l-livell ta' kooperazzjoni kien għoli, u jkopri l-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni fil-PR, il-Kummissjoni kkonkludiet li tnejn mill-kumpaniji huma produtturi ġenwini Malażjani mhux involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni u għalhekk ingħataw eżenzjonijiet, u li l-ebda kumpanija oħra fil-Malażja ma talbet eżenzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sejbiet dwar il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni fir-rigward taż-żewġ kumpaniji ta' ċirkomvenzjoni jenħtieġ li jiġu estiżi għall-importazzjonijiet kollha mill-Malażja, bl-eċċezzjoni ta' dawk minn produtturi Malażjani ġenwini.

(118) Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' SSTPF li joriġina miċ-Ċina jenħtieġ li jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat.

(119) Skont l-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu tar-Regolament bażiku, huwa xieraq li d-dazju stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/659, jiġi estiż għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha", li huwa dazju anti-dumping definittiv ta' 64,9 % applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju doganali.

(120) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, li jistipula li kwalunkwe miżura estiża jenħtieġ li tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni taħt reġistrazzjoni imposta mir-Regolament tal-bidu, għandhom jingħabru dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati tal-prodott li qiegħed jiġi investigat f'konformità mas-sejbiet li saru f'din l-investigazzjoni.

4. **TALBIET GĦAL EŻENZJONI**

(121) Kif deskritt hawn fuq, instab li MAC u TP kienu involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Għalhekk, ma setgħetx tingħata eżenzjoni lil dawn il-kumpaniji skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(122) L-investigazzjoni stabbiliet li ż-żewġ produtturi esportaturi l-oħrajn li kkooperaw, Pantech u SPI, kienu produtturi ġenwini tal-SSTPF fil-Malażja, u ma kinux involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Dawn iż-żewġ produtturi esportaturi huma integrati vertikalment, ġew stabbiliti sew fis-suq qabel l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali, u importaw biss ammonti limitati ta' materja prima miċ-Ċina.

(123) Għalhekk, Pantech u SPI jenħtieġ li jiġu eżentati mill-estensjoni tal-miżuri.

(124) L-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet jenħtieġ li tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li trid tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping imsemmi fil-premessa (119).

(125) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet, din ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu iwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tal-eżenzjoni tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

5. **ŻVELAR**

(126) Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq u stednithom jikkummentaw.

(127) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/659, fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet tal-azzar li ma jsaddadx, imlestija jew le, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' tagħmir iwweldjat tarf ma' tarf ta' tubi u pajpijiet, ta' gradi ta' azzar li ma jsaddadx awstenitiku, li jikkorrispondi għat-tipi AISI 304, 304L, 316, 316L, 316Ti, 321 u 321H u l-ekwivalenti tagħhom fin-normi l-oħrajn, b'dijametru estern massimu li ma jaqbiżx l-406,4 mm u ħxuna tal-ħitan ta' 16 mm jew anqas, bi ħruxija medja (Ra) tal-wiċċ intern ta' mhux anqas minn 0,8 mikrometri, mhux ifformati bħala flanġijiet, imlestija jew le ikklassifikat attwalment taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 23 10 u ex 7307 23 90 ikkonsenjat mill-Malażja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Malażja kif ukoll jekk le (il-kodiċijiet TARIC 7307 23 10 35, 7307 23 10 40, 7307 23 90 35, 7307 23 90 40).

2. L-estensjoni tad-dazju msemmi fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-kumpaniji elenkati hawn taħt:

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-Malażja	Pantech Stainless u Alloy Industries Sdn. Bhd	A021
Il-Malażja	SPI United Sdn. Bhd	A022

3. L-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet mogħtija lill-kumpaniji speċifikament imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew awtorizzati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Jekk l-ebda fattura bħal din ma tiġi ppreżentata, għandu jiġi applikat id-dazju anti-dumping kif impost mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Id-dazju estiż huwa d-dazju anti-dumping ta' 64,9 % applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" fir-RPĊ (il-kodiċi addizzjonali TARIC C999).

5. Id-dazju estiż bil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/894.

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-awtoritajiet doganali huma ordnati sabiex ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/894 li, b'dan, huwa mħassar.

Artikolu 3

It-talbiet għal eżenzjoni sottomessi minn MAC Pipping Materials Sdn. Bhd u TP Inox Sdn. Bhd huma miċħuda.

Artikolu 4

1. It-talbiet għal eżenzjoni mid-dazju estiżi permezz tal-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jiġu ffirmati minn persuna awtorizzata sabiex tirrappreżenta lill-entità li titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G Office:
CHAR 04/39
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jagħmlux ċirkomvenzjoni il-miżuri anti-dumping imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/141, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/659, mid-dazju estiż bl-Artikolu 1.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Trid tidher dikjarazzjoni ffirmata fil-format li ġej mill-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali, fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3):

(1) l-isem u l-kariga tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali;

(2) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott li qiegħed jiġi investigat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (Kodiċi addizzjonali TARIC) fi (pajjiż ikkonċernat). Niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta";

(3) id-data u l-firma.